MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 63/2007

George Said ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rook Ltd.
vs
Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' George Said ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rook Ltd. li bih espona:

1. Illi r-rikorrenti kellhom koncess lilhom in enfitewsi temporanja t-Torri tal-Qbajjar, f'Marsalforn, liema koncessjoni kienet saret lilhom b'zewg atti publici wiehed tad-9 ta' Marzu, 1978 fl-atti tan-nutar John Busuttil, u l-iehor tat-28 ta' Novembru, 1981 fl-atti tan-nutar Joseph Spiteri.

2. Illi din il-koncessjoni enfitewtika ghalqet fl-20 ta' Frar, 2003.

3. Illi wara gheluq l-istess koncessjoni l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ippermetta lir-rikorrenti jibqghu fil-pussess ta' l-istess Torri, liema Torri kien qieghed jigi uzat mir-rikorrenti ghal gestjoni ta' bar u restaurant munit bil-permessi u licenzji kollha skond il-ligi.

4. Illi skond il-policies tal-Gvern illum vigenti dwar allokazzjoni ta' proprjeta` pubblika r-rikorrenti kienu applikaw lill-Kummissarju ta' l-Artijiet biex isir kuntratt ta' lokazzjoni dwar l-istess fond imma dina l-applikazzjoni taghhom baqghet sal-lum bla ebda ezitu.

5. Illi sussegwentement ghal dan l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet fit-2 ta' Ottubru, 2007 hareg ordni ta' zgumbrament (riferenza numru L483/71) kontra r-rikorrenti biex dawn jigu zgumbrati mill-fond minnhom okkupat, hawn fuq deskritt, u dan minghajr ebda rikors lill-Qorti jew awtorita` gudizjarja ohra.

6. Illi fil-fond in kwistjoni r-rikorrenti kienu ghamlu spejjez kbar sabiex izommuh fi stat tajjeb u n-negozju minnhom gestit fih jikkostitwixxi fonti importanti ghall-ghixien taghhom u ta' l-impjegati li jahdmu fih.

7. Illi bhala konsegwenza ta' l-ordni mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet huma ser jigu privati mid-dritt taghhom ghal smigh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif previst fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, u ghalhekk ser jigu evitati minn dak li jinsab illum fil-pussess taghhom minghajr ma jkun ebda sentenza ta' tribunal kompetenti li tiddeciedi dwar id-drittijiet taghhom fir-rigward.

8. Illi ghalhekk huwa car u manifest li l-procedura li qeghdin jadottaw l-intimati tikser id-drittijiet fundamentali taghhom billi tinnegalhom l-access ghal tribunal imparzjali u indipendenti fid-determinazzjoni tad-drittijiet taghhom.

9. Illi inoltre fir-rigward ta' ohrajn fl-istess pozizzjoni tar-rikorrenti l-intimat agixxa differentement u ghalhekk l-

intimati qeghdin jigu ukoll assoggettati ghal diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali taghhom bi ksur ta’ l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

10. Illi jekk jithallew isofru din l-evizzjoni bi ksur tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq dan id-dritt taghhom ser jigi lez irrimedjabilment.

11. Illi huma gja ipprocedew quddiem il-Qorti ta’ Ghawdex fil-kompetenza Civili taghha ghal otteniment ta’ mandat ta’ inibizzjoni inutilment, imma l-bazi ghat-talba taghhom ma kenitx tikkonsisti fil-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif issa qieghed jigi allegat.

12. Illi inoltre r-rikorrenti ottjenew minghand din il-Qorti ordni kontra l-intimati sabiex dawn jigu inibiti milli jesegwixxu l-ordni ta’ zgumbrament fuq imsemmi fil-konfront taghhom.

13. Illi ghalhekk bl-agir fuq imsemmi qieghdin jigu lesi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 6 u l-artikolu 14 kif ukoll bl-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dan billi qieghed jigi lez fil-konfront taghhom id-dritt ghas-smigh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti, ghat-tgawdija minghajr indhil tal-possedimenti taghhom, u sabiex huma ma jigux diskriminati fit-tgawdija tal-fuq imsemmija drittijiet.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li bl-agir fuq imsemmi, u senjament bil-pretiza ezekuzzjoni ta’ l-ordni ta’ zgumbrament mahrug mill-intimat, qeghdin jigu lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 6 u l-artikolu 14 kif ukoll bl-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dan billi qieghed jigi lez fil-konfront taghhom id-dritt ghas-smigh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti, ghat-tgawdija minghajr indhil tal-possedimenti taghhom, u sa biex huma ma jigux diskriminati fit-tgawdija tal-fuq imsemmija drittijiet.

2. Tordna li r-rikorrenti jinghataw dawk ir-rimedji kollha opportuni u xierqa, inkluz it-thassir tal-fuq imsemmi ordni ta' zgumbrament, u kull rimedju iehor u dikjarazzjoni mehtiega jew xierqa biex tigi spurgata l-lezjoni ta' dritt fundamentali u vjolazzjoni fil-konfront taghhom kommessa, anke, jekk ikun mehtieg bil-likwidazzjoni ta' kumpens ghad-dannu minnhom sofferti.

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fuq riferit, u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizjoni.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet ai termini tad-Digriet mahrug minn din il-Qorti datat 5 ta' Dicembru 2007 li biha eccpixxa:

1. Illi preliminarjament l-intimati jixtiequ jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti li din l-istess Qorti, kif prezentament preseduta, diga ippronunzjat ruhha u tat decizjoni fir-rigward dan il-kaz, meta iddecidiet il-Mandat ta' Inibizzjoni fuq mertu identiku bejn iz-zewg partijiet, liema decizjoni r-rikorrenti jhoss li dahlet ukoll fil-mertu tal-kwistjoni kollha u minhabba f'hekk u f'gieh il-Gustizzja, l-intimati talbu lil din il-Qorti sabiex tirrikuza ruhha u tastjeni milli tkompli tisma' dan ir-rikors.

2. Illi minghajr pregudizzju u in via preliminari, ma jidhirx li r-rikorrenti usufruwixxa ruhu mir-rimedji ordinarji kollha li ttih il-ligi qabel ma intavola r-rikors odjern, u ghalhekk qed jigi sottomess li din il-Qorti m'ghandhiex il-mansjoni biex tkompli tisma' dan ir-rikors.

3. Illi preliminarjament ukoll illi in kwantu ibbazat fuq dispozizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319 dwar il-Konvenjoni Ewropeja r-rikors huwa intempestiv, billi, kif intqal aktar 'l fuq, ir-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju ghal-lanjanzi tieghu, li kellhom jigu utilizzati ***in pieno*** u li fil-fatt ma gewx hekk utilizzati da parti tar-rikorrenti.

4. Illi ghadu jigi ribadit li fil-fatt ir-rikorrent mhux talli kellu izda wkoll uza l-istess mezzi ta' rimedju meta fl-

ewwel lok talab il-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, liema talba giet michuda u eventwalment talab u, fil-fatt ottjena, Mandat ta' Inibizzjoni min din l-istess Qorti, kif prezentament preseduta – liema procedura izda naturalment ma ddecidietx definitivament il-kwistjoni.

5. Illi minghajr pregudizzju, l-Avukat Generali, hlief ghal fejn, din il-kwistjoni timpingi fuq allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet umani, m'huwiex legittimu kuntradittur f'dawn il-poceduri stante li ***ai termini*** ta' l-artikolu 181B(1) hemm kap ta' dipartiment governattiv li bla dubju huwa inkarigat fil-materja in kwistjoni u jista' jwiegeb pjenament ghat-talba tar-rikorrenti.

6. Illi t-talba kif kontenuta fir-rikors odejrn hija assolutament frivola u vessatorja stante li meta r-rikorrenti ffirma l-kuntratt ta' cens temporanju, kien jaf ezattament x'kien qed jiffirma u kien konxju tal-fatt li l-istess cens temporanju kien jaghlaq fit-23 ta' Frar 2003 u dan jirrizulta car anke min ammissjoni ta' l-istess rikorrenti (vide Paragrafu 2 tar-rikors tar-rikorrenti).

7. Illi fuq ammissjoni ta' l-istess rikorrenti, isegwi logikament li dan ta' l-ahhar, mid-data fuq imsemmija u cioe` 23 ta' Frar 2003, kien qed jokkupa l-art in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

8. Illi dan awtomatikament ifisser li meta r-rikorrenti, il-Kummissarju ta' l-Artijiet, hareg l-Ordni ta' Zgumbrament li qed jillamenta minnu r-rikorrenti kien qed jagixxi fil-parametri li ttih il-ligi u jezercita d-dritt tieghu ta' ripres tal-fond li kien suggett ghal cens temporanju u dan ta' l-ahhar ghalaq.

9. Illi, in vista ta' dak espost precedentement, huwa car li r-rikorrenti ma ghandu ebda drittijiet x'jipprotegi, stante li hu kien jaf li c-cens fuq il-fond kien wiehed temporanju u li kellu jaghlaq fl-20 ta' Frar 2003 minghajr l-obbligu li jigi mgedded.

10. Illi l-lanjanza tar-rikorrenti ghar-rigward tal-ksur ta' l-artikolu 6 hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Huwa assolutament inawdit li qatt tista' tigi accettata t-tezi tar-rikorrenti li meta jaghlaq ic-cens temporanju, ic-censwallist ghandu xi dritt awtomatiku li jigi mismugh qabel ma d-***dominus*** jezercita d-dritt ta' riprez ta' l-art precedentement soggetta ghal cens, meta c-censwalist innifsu kien iffirma kuntratt pubbliku u kien ben konxju tal-kundizzjoni principali, u cioe` li kien qed jiffirma kuntratt ta' cens temporanju.

11. Illi ghandu jigi enfasizzat li l-art in kwistjoni qatt ma kienet tar-rikorrenti, is-sid tal-proprjeta` in kwistjoni kien dejjem il-Gvern, u ghalhekk hija frivola u vessatorja l-kontenzjoni tar-rikorrenti li jallega li qabel ma s-sid jesercita d-dritt ta' ripres, wara li jaghlaq cens temporanju, ghandu xi obbligu li jisma' lir-rikorrenti.

12. Illi dak li ntqal aktar il-fuq ghandu jigi analizzat anke ***in vista*** tal-fatt li apparti li r-rikorrenti, wara l-gheluq tac-cens in kwistjoni kienu gew avzati mill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet bl-intenzjoni tal-Gvern li jizgombrahom mill-proprjeta` tieghu, u kellhom kull opportunita` li jirrikorru quddiem Qorti sabiex jikkontestaw dik l-azzjoni.

13. Illi ta min wiehed jigbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti li l-istess rikorrenti QATT ma ntavolaw proceduri biex l-azzjoni tal-intimat, Kummissarju tal-Artijiet, tigi impunjata a bazi tal-Artikolu 469A avolja d-decizjoni li ma jiggeddidx ic-cens taghhom fuq il-fond ilha li ttiehdet u kien car li l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ma baqax jaccetta xi forma ta' hlas minghand ir-rikorrent minn mindu skada l-istess cens u minkejja l-fatt li tali decizjoni tinkwadra proprju fit-tip ta' decizjonijiet taht l-imsemmi Artikolu.

14. Illi l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprotegi lill-persuni li jinvokawh biss jekk id-diskriminazzjoni in kwistjoni tkun qed iccahhadhom minn xi wiehed mid-drittijiet jew libertajiet li jinghataw protezzjoni taht l-istess Konvenzjoni.

15. Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni da parti ta' l-intimat, il-Kummissarju ta' l-Artijiet, fil-konfront tar-rikorrenti ma tistax tregi ghas-semplici raguni li l-kaz ta' individwi ohrajn kien hemm cirkostanzi ohra li gew ikkunsidrati mill-Kummissarju ta' l-Artijiet, liema cirkostanzi ma kienux jezistu fil-kaz tar-rikorrenti. Fost dawn ic-cirkostanzi wiehed isib l-uzu tal-fond in kwistjoni bhala ***night club*** u t-twettiq ta' diversi tibdiliet fuq l-istess bini, liema tibdiliet zgur ma kienux jikkonformaw mal-istil arkitettoniku tal-fond in kwistjoni, u dan apparti in-nuqqas ta' manutenzjoni tal-fond in kwistjoni, ghal liema fatt l-intimat, il-Kummissarju tal-Artijiet, kemm-il darba gibed l-attenzjoni tar-rikorrenti fil-mori tac-cens msemmi.

16. Illi anke kieku stess dan kien kaz fejn l-Artikolu 14 jista' jigi abbinat ma' xi dritt iehor taht il-Konvenzjoni, u ***dato ma non concesso*** li dan huwa kaz ezattament bhal ta' 'haddiehor' kif qed jigi allegat, l-istess Artikolu lanqas ma jikkomporta xi obbligazzjoni li l-istat irid bilfors jittratta lil nies f'sitwazzjoni simili bl-istess mod, naturalment sakemm ma ssirx dik ta' tip ta' diskriminazzjoni kontemplata fl-artikolu 14 [vide **Rasmussen vs Denmark** (A 87, 1984)].

17. Illi ghandu jinghad ukoll li kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, l-intimat dejjem mexa b'mod regolari u in konformita` mal-ligi peress li hu qatt ma kellu l-obbligu li jgedded ic-cens tar-rikorrenti jew li jaghmel sejha ghall-offerti kif stipulat fl-artikolu 3(1) (a) tal-Kapitolu 268, l-Att dwar it-Trasferiment ta' l-Artijiet tal-Gvern, kif ukoll fil-***Policy "On the Disposal of Non-Residential Government Property through letting, re-letting and emphyeutical concessions".***

18. Illi anke kieku stess it-trasferiment kien se jsir ***ai termini*** ta' l-artikolu 3(1)(f) ta' l-istess Kapitolu 268, is-subinciz msemmi jaghti s-setgha lill-intimat li jittrasferixxi l-art skond xi ligi ohra li tista' tkun fis-sehh. Fil-fatt, f'dan il-kaz it-trasferiment se jsir skond kif stipulat fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 455 imsemmi iktar 'l ifel.

19. Illi l-fond in kwistjoni huwa proprjeta` tal-intimat li nghata b'cens temporanju ghal-hamsa u ghoxrin sena lil Francis Vella permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Marzu 1978 fl-atti tan-Nutar Dott. J. Busuttil li sussegwentement l-imsemmi cens gie trasferit lir-rikorrenti mis-Sur Francis Vella, ghar-rimanenti perjodu ta' cens u bil-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-att tal-koncessjoni originali hawn fuq imsemmija permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Novembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri.

20. Illi l-intimat permezz ta' ittra datata 18 ta' Dicembru 1981 irrikonoxxa lir-rikorrent bhala c-censwalist ghar-rimanenti perjodu ta' cens li beda jiddekorri mid-9 ta' Marzu 1978 u li kellu jaghlaq fl-20 ta' Frar 2003, u taht l-istess kundizzjonijiet kif stipulati fil-kuntratt ta' cens datat 9 ta' Marzu 1978.

21. Illi wara l-gheluq tac-cens temporanju hawn fuq imsemmi fl-20 ta' Frar 2003, ir-rikorrenti baqa' jokkupa l-imsemmi fond b'mera tolleranza u minghajr ma gie mitlub ihallas l-ebda kumpens ta' tali okkupazzjoni.

22. Illi peress li l-fond in kwistjoni huwa torri mibni fi zmien il-kavallieri u li ghandu importanza storika, l-intimat wara l-gheluq ta' l-imsemmi perjodu tac-cens informa lis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali permezz ta' ittra datata 6 ta' Ottubru 2005 jekk kellux xi oggezzjoni li jerga' jaghti l-proprjeta` b'cens gdid u f'dan il-kaz jekk kienx mehtieg li jkun hemm kundizzjonijiet specjali biex jigi salvagwardjat il-bini storiku.

23. Illi permezz ta' ittra datata 18 ta' Settembru 2006, is-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali informa lill-intimat li kien ircieva talba minghand Din l-Art Helwa biex jiehu l-imsemmi Torri taht kurazija ***ai termini*** ta' l-artikolu 48(1) tal-Kapitolu 445, l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, u l-istess Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali kien se jaccetta li jaghmel dan skond kif stipulat fil-Kapitolu 445 imsemmi hawn fuq sabiex jissalvagwardja dan il-patrimonju Malti u b'hekk jigi ikkonservat u miftuh ghal pubbliku.

24. Illi minhabba r-ragunijiet imsemmija hawn fuq l-intimat permezz ta' ittra datata 16 ta' Novembru 2006 informa lir-rikorrenti biex ibattal il-fond in kwistjoni u jirritorna c-cwievet ta' l-istess fond sa mhux aktar tard mill-4 ta' Dicembru 2006.

25. Illi r-rikorrent ghalkemm interpellat biex jizgombra l-imsemmi fond anki permezz ta' ittra datata 29 ta' Awissu 2007, huwa baqa' inadempjenti.

26. Illi minhabba dan l-intimat kellu johrog ordni ta' zgumbrament kontra r-rikorrenti fit-2 ta' Ottubru 2007, pero` r-rikorrenti baqa' inadempjenti anki wara li gie mitlub diversi drabi biex jottempra ruhu ma' dak l-ordni permezz ta' ittra datata 12 ta' Ottubru 2007 u ittra ufficjali datata 24 ta' Ottubru 2007.

27. Illi oltre ghal dan, ir-rikorrenti minghajr ma ta' kaz tal-valur storiku ta' l-fond halla l-fond jiddeterjora u ikkrea diversi danni lill-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant l-intimati, ghar-ragunijiet fuq premessi, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet kif kontenuti fir-rikors odjern bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-intimat isostni li jhoss li d-digriet li kienet tat din il-Qorti fir-rigward tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma jista' qatt jigi meqjuz sempliciment bhala digriet '***prima facie***' anzi kien digriet li pjuttost dahal fil-mertu ta' kwistjoni fundamentali ghat-tezi ta' l-intimat u cioe` jekk fil-fatt kienx hemm dritt li qed jippretendu r-rikorrenti, meta l-istess Qorti kienet ippronunzjat ruhha dwar punt li jmur proprju ghall-pern tan-natura ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u cioe` jekk ir-

rikorrenti qatt ma kellhom dritt li qed jippretendu li ghandhom – il-posizzjoni ta' l-istess rikorrenti hija sempliciment dik ta' censwalist temporanju li ghalaqlu c-cens temporanju u ghalhekk hu obbligat li jirritorna lura l-fond in kwistjoni. Sostna li l-Mandat ta' Inibizzjoni li nhareg dahal ukoll fil-mertu, u li l-istess digriet kellu sitt pagni u l-istess Qorti kienet gustament gibdet l-attenzjoni ta' l-intimat li d-digrieti tal-Qorti kif prezentament preseduta huma dejjem hekk u cioe` jittrattaw il-kwisjoni b'mod ezawrjenti. Ippretenda li l-Qorti ma dahlitx fil-mertu biss ***prima facie*** izda anke aktar.

Min-naha l-ohra r-rikorrent sostna li r-rekuza ta' Imhallef ghandha tkun bazata fuq id-disposizzjonijiet cari tal-ligi u mhux altrimenti u li l-artikolu 733 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jimponi tassattivament meta Imhallef ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' kawza u ghalhekk il-materja ghandha tigi regolata b'dak l-artikolu, u bl-artikolu 734. Zied li skond is-subinciz d(ii) [ta' l-artikolu 734] huwa mahsub li Imhallef li jkun gja sema' kawza bhala Imhallef jew arbitru ghandu jastjeni jerga' jisma' l-istess kawza imma li dan ma jghoddx ghal kazi fejn id-decizjoni ma tkunx qatghet definitivament il-meritu bejn il-partijiet u ghal sentenzi li jehilsu lill-parti ***ad observantia***.

Kien ghalhekk li r-rikorrent sostna li huwa car li d-decizjoni fuq mandat kawtelatorju ma tinvolvix is-smigh ta' kawza f'dan is-sens u ghalhekk ma twassalx ghan-necessita` jew obbligu li l-Imhallef li jkun hareg il-mandat jastjeni milli jisma' l-kawza fil-meritu. Jinghad minn din il-Qorti li jekk thares lejn l-artikolu 836 tosserva li fis-subartikolu 1 tieghu, intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, li l-Qorti li tkun qed tittratta l-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat ghal kollox jew f'parti minnu. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li d-decizjoni f'att kawtelatorju mhix raguni valida ghal astensjoni jew rikuza. Infatti f'mandat kawtelatorju huwa biss incidentali ghall-kawza principali u ghandu jkun taht il-kontroll shih tal-gudikant li jkun qieghed jisma' l-meritu. Id-decizjonijiet dwar il-hrug, revoka, u incidenti ohra tal-

mandati kawtelatorji jaqghu fis-sindikat tal-Imhallef li jkun qieghed jisma' l-meritu u ma hemm l-ebda kwistjoni li billi Imhallef jkun hareg Mandat ta' Inibzzjoni dan il-fatt ghandu b'xi mod jwarrbu mill-possibilita` li jisma' l-meritu. Rekuza ta' Imhallef ghandha tigi proposta bl-akbar attenzjoni anke biex ma jinholqux malintizi, specjalment meta dik ir-rekuza tkun qed titressaq mill-awtorita` pubblika. Id-decizjoni li kienet inghatat ma tikkostitwix gudikat u mhux decizjoni finali fuq il-meritu u kienet decizjoni fejn il-Qorti irriteniet li kien hemm sustanza bizzejjed ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju, liema decizjoni kienet bazata fuq fatti ***prima facie***. Il-Qorti ma tistax tifhem ir-ragunar ta' l-intimat li kwazi kwazi qed jimplika li meta decizjoni tkun ***prima facie*** l-Qorti ma taghtix ir-ragunijiet u ma tesprimix fuq liema fatti u ragunar tkun waslet ***prima facie*** ghad-decizjoni taghha.

Huwa ovvju li l-Qorti huwa obbligata li tikkunsidra u tevalwa l-aspetti kollha releventi anke jekk ***prima facie*** u mhux tittratta kaz b'xi leggerezza. Il-fatt li ma tidholx ***in funditus*** ma tfixxirx li l-Qorti mhux obbligata li tara jekk hemmx ragunijiet bizzejjed ghal xi protezzjoni provvizorja izda tali kunsiderazzjonijiet meta l-Qorti mhux a konjizzjoni ta' l-aspetti kollha tal-kaz ma jwasslux ghal decizjoni finali.

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005 (Rikors Numru 8/2003) fl-ismijiet **Sandro Chetcuti u James Barbara vs L-Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollhom id-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti, id-Direttur u r-Registratur tal-Qorti Ghawdex, George u Loreta konjugi Galea, u Joseph Galea**, fejn intqal:
"Kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, huwa principju ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin – ara d-diversi sentenzi msemmija fis-sentenza appellata – illi anki jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 ma hemmx lok ta' rikuza – anzi jista' jkun hemm addirittura divjet ta' astensjoni – tista' tinholoq sitwazzjoni li tikkuntrasta mad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu kif garantiti lilu mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Huwa pacifiku wkoll fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi, id-decizjoni jekk tezistix jew le imparzjalita` ai termini ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, trid tigi bbazata fuq test soggettiv, cioe` fuq il-konvinzjoni personali tal-gudikant partikolari f’kaz specifiku, u wkoll fuq test oggettiv, u cioe` jekk il-gudikant ikunx fil-kaz partikolari joffri garanziji sufficijenti sabiex jeskludi kull dubbju legittimu ta’ parzjalita`.

Fil-kaz odjern, l-appellanti mhux qed jghidu illi l-Magistrat in kwistjoni, agixxa, qed jagixxi jew bi hsiebu jew x’aktarx jagixxi *“with personal bias”* fil-kawza li huma istitwew kontra l-appellati Grech, izda semplicement li c-cirkostanzi partikolari ma jaghtux garanziji sufficjenti li jeskludu preokkupazzjoni jew dubbju legitimu in propositu. Fil-kuntest ta’ l-hekk imsejjah *“objective test of impartiality”,* il-Qorti ta’ Strasbourg fil-kawza **Hauschildt v. Denmark** (24 ta’ Mejju 1989) qalet hekk:

*“Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge’s personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw.”* (para. 48)

U dik is-sentenza kompliet tghid hekk:

*“This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held objectively justified.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea jidher illi fil-kuntest ta’ involviment ta’ gudikant fi stadji differenti tal-proceduri, il-kwistjoni jekk ikunx hemm imparzjalita`

oggettiva jew le tiddependi totalment min-natura u l-iskop tal-varji proceduri in kwistjoni:

*"The mere fact that Juvenile Judge Meulenbroek also made pre-trial decisions, including decisions relating to detention on remand, cannot be taken as in itself justifying fears as to his impartiality; what matters is the scope and nature of these decisions. ... ...* (**Nortier v. The Netherlands** 24 ta' Awissu 1993, para. 33)

Fil-kaz ta' **Hauschildt**, gia citat, il-Qorti Ewropea ghamlet distinzjoni bejn ezami tal-provi fuq bazi ta' *prima facie* u ezami tal-provi sabiex tittiehed id-decizjoni finali:

*"Moreover, the questions which the judge has to answer when taking such pre-trial decisions are not the same as those which are decisive for his final judgment. When taking a decision on detention on remand and other pre-trial decisions of this kind the judge summarily assesses the available data in order to ascertain whether prima facie the police have grounds for their suspicion; when giving judgment at the conclusion of the trial he must assess whether the evidence that has been produced and debated in court suffices for finding the accused guilty. Suspicion and a formal finding of guilt are not to be treated as being the same."* (para. 50).

Fil-kaz **Nortier** *supra*, il-Qorti Ewropea irriteniet illi:

*(T)he questions which Juvenile Judge Meulenbroek had to answer when taking these decisions were not the same as those which were decisive for his final judgment. In finding that there were 'serious indications' against the applicant his tasks was only to ascertain summarily that the prosecution had prima facie grounds for the charge against the applicant"* (para. 35).

Konsegwentement, dik il-Qorti waslet ghal konkluzjoni illi l-preokkupazzjoni tar-rikorrent, li l-gudikant ma kienx imparzjali, ma kienitx oggettivament gustifikata.

Hekk ukoll fil-kaz **Saraiva de Carvalho v. Portugal** (22 ta' April 1994), il-Qorti Ewropea irriteniet illi:

*"... ... (T)he judge in charge of the case, when issuing the despacho, was determining whether the file, including the prosecution's charges, amounted to a prima facie case such as to justify making an individual go through the ordeal of a trial. The issues which the judge has to settle when taking this decision are consequently not the same as those which are decisive for his final judgment. ... ...His detailed knowledge of the case did not mean that he was prejudiced in a way that prevented him from being impartial when the case came to trial. His function in the initial phase of the proceedings was to satisfy himself not that there was a "particularly confirmed suspicion" (see the Hauschildt judgement previously cited, p. 22 para 52) but that there was prima facie evidence (compare the "serious indications mentioned in the Nortier case previously cited, p. 16, para 35)."* (paragrafi 37 u 38; ara wkoll fl-istess sens **Sainte-Marie v. France** Qorti Ewropea 16 ta' Dicembru 1992)

Dawn il-principji gew ukoll ribaditi minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet **Meinrad Calleja v. Avukat Generali et** deciza fit-18 ta' Gunju 2003. Ghalkemm dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea saru fil-kuntest ta' proceduri kriminali, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex l-istess konsiderazzjonijiet ma ghandhomx japplikaw fil-kuntest ta' proceduri civili.

Mill-gurisprudenza fuq citata jirrizulta illi meta l-ewwel decizjoni tal-gudikant tkun involviet biss ezami *prima facie* tal-provi, dan il-fatt wahdu ma jiggustifikax oggettivament pre-okkupazzjoni dwar l-imparzjalita` tal-gudikant, meta l-istess gudikant jigi biex jaghti d-decizjoni tieghu fil-meritu. Pero` fil-kaz ta' **Hauschildt**, aktar 'l fuq citat, il-Qorti Ewropea osservat wkoll illi *"Nevertheless, special circumstances may in a given case be such as to warrant a different conclusion"* u fil-fatt f'dak il-kaz, il-Qorti Ewropea sabet li kienu jezistu dawn ic-cirkostanzi specjali.

Konsegwentement, sabiex wiehed jasal ghal konkluzjoni jekk it-thassib ta' l-appellanti dwar l-imparzjalita` tal-gudikant huwiex oggettivament gustifikat jew le, l-ewwel trid issir analizi tan-natura u l-iskop ta' proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Fil-kliem tal-ligi *"(l)-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor, inkella milli thott jew taghmel tibdil f'bini jew f'xoghol, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat"* u *"l-Qorti ma ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat <u>hu mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent</u>, u li dan ir-rikorrent '<u>prima facie'</u> jidher li ghandu dawk il-jeddijiet"* (Artikolu 873 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Giacomo Galea v. Pio Bezzina** deciza fil-5 ta' Awissu 1954 (Vol. XXXVIII(B)-I-336, din il-Qorti kienet irriteniet:

*"Illi ghalhekk tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista' jigi spedit il-mandat in kwistjoni; jigifieri, l-ewwel, ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti fuq enumerati enuncjati fil-ligi ... ..., imbaghad li jkun jidher 'prima facie' li r-rikorrenti ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appellant li jaghmel dik il-haga li biha jista' jarrekalu hsara jew molestja; u fl-ahharnett li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrenti. Dawn huma t-tliet indagnijiet li l-Qorti ghandha taghmel f'din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar 'l hemm u tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorrenti; altrimenti tkun qieghda tiddeciedi l-meritu tal-kawza li ghaliha jirriferixxi l-mandat: liema meritu mhux quddiem din il-Qorti."* (pagna 314; ara wkoll fl-istess sens **Mario Blackman v. Terence Edward Crossey** deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 1964 Vol. XLVIII-II-1254).

Gie wkoll ritenut illi id-digriet li bih tigi akkolta talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni

*"zgur mhux definittiv, ghax ma temmx il-kontroversja bejn il-partijiet, u lanqas rabat lill-gudikant; izda lanqas ma jista' jigi kunsidrat bhala interlokutorju. U tabilhaqq, lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju; izda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relattiv u mhux mill-atti tal-kawza, u ezawrixxa ruhu bil-hrug tal-mandat."* (**Edgar Baldacchino et v. Joseph Bellizzi** Qorti ta' l-Appell 10 ta' Awissu 1953 Vol. XXXVII(C)-I-519; ara wkoll fl-istess sens **Anthony Sammut vs. Paolo Sammut et** Qorti ta' l-Appell 18 ta' Frar 1963 Vol. XLVII(B)-I-110).

L-ghan tal-ligi huwa li bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni tipprevjeni li jitnehha, darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli, id-dritt li r-rikorrenti ikun jidher *prima facie* li ghandu. Dan ma jfissirx li l-fatt li t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tintlaqa' ikun ifisser li d-dritt huwa ippruvat. Bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma tintlaqax id-dritt pretiz ma jezistix. Huwa ghalhekk illi l-procedura kontemplata fil-Kapitolu 12 biex titqies talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hija wahda <u>sommarja</u>, billi m'huwiex mistenni li f'dak l-istadju jitressaq quddiem dik il-Qorti kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegh tal-kawza fil-meritu dwar l-istess dritt; u anqas ghandha l-Qorti, meta tkun qed tqis il-hrug o meno ta' tali mandat, toqghed tezamina patafjum ta' dokumenti jew tippermetti noti ta' sottomissjonijiet.

Zgur li hemm distinzjoni netta bejn ezami tal-provi *prima facie* sabiex jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti ghandux ghall-anqas is-sembjanza ta' dak li qed jippretendi u jekk hemmx probabbilita` li dak id-dritt jigi eluz, minn ezami shih tal-provi fil-mertu sabiex jigi stabbilit jekk id-dritt vantat mir-rikorrenti/attur ikunx effettivament jezisti jew le. Il-kweziti li jrid jaghmel gudikant meta jezamina talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huma differenti minn dawk li jrid jaghmel meta jigi biex jiddeciedi l-kawza fil-meritu. Konsegwentement, ma jistax jinghad li s-semplici fatt gudikant ikun laqa' jew cahad talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni oggettivament jiggustifika xi preokkupazzjoni dwar l-imparzjalita` tieghu meta huwa jigi biex jiddeciedi l-kawza fil-meritu dwar l-istess dritt li kien is-suggett tal-

mandat ta' inibizzjoni. Inoltre, is-subartikolu (2) jirrikjedi li l-gudikant irid ikun sodisfatt li l-mandat ikun "mehtieg" ("necessary" fit-test ingliz) u mhux semplicement utili. Ghalhekk wiehed jista' jkollu jedd ghal xi haga, izda mill-banda l-ohra l-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni ma jkunx jidher li hu mehtieg."

Il-Qorti ikkwotat fit-tul minn din is-sentenza minhabba li thoss li tali sentenza dahlet fil-fond propju fuq aspetti simili hafna ghall-kaz in ezami.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-ewwel eccezzjoni ta' l-Avukat Generali mhix sostenibbli u ghandha tigi michuda, u dan minhabba li jekk wiehed jezamina d-decizjoni msemmija jidher car li kollox huwa fuq bazi ta' ***prima facie*** u infatti l-Qorti kienet laqghet it-talba minhabba li hasset ragjonevoli l-htiega tal-mandat u mhux ghax sostniet b'mod definit l-ezistenza ta' jeddijiet pretizi.

Spejjez fuq dan l-aspett kontra l-intimat.

Il-kawza tibqa' differita ghall-kontinwazzjoni ghad-9 ta' Dicembru 2008 fl-10.30 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------